MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 169/2007

**Is-Socjeta' Civili KPMG u Raymond Azzopardi (ID410751M) Alfred Cremona (ID281259M) Hilary Galea Lauri (ID92665M) Noel Mizzi (ID36865M) Eric Muscat (ID485560M) Pierre Portelli (ID678857M) Joseph Schembri (ID257050M) Andre Zarb (ID396760M) Tonio Zarb (ID756956M) Juanita Bencini (ID548161M) Mark Bamber (ID337867M) David Caruana (ID152765M) u Anthony Pace (ID554965M)**
**vs**

**Watersure Limited (C-35707)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta minn dan l-Onorabbli Tribunal ghall-hlas ta' elf mitejn sebgha u ghoxrin Lira Maltin u ghoxrin centezmi (LM1227.20) rapprezentanti hlas ghal servizzi professjonali debitament rezi u provduti lis-socjeta'

konvenuta mill-atturi fuq inkarigu u a beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi nonostante interpellata biex thallas kemm b'ittra legali datata 10 ta' Lulju, 2006 u kif ukoll b'ittra ufficjali taht l-Artiklu 166A tal-Kap. datat 11 ta' Awissu, 2006 dina baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjez inkluzi tal-ittra legali u l-ittra ufficjali sudetti u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenuta ipprezentat mill-Av Noel Bartolo fid-9 ta' Lulju, 2007;

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset tikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------